# Ardabjola

MARIO AZZOPARDI

–X'jismek, tifla?
–Jisimni Bint il-Wied u l-Għolja.
–U dil-fjura lewn lelà jagħti fil-vjola?
–L-aħħar warda, din, tad-dinja: l-ardabjola.
–U mnejn qtajtha?
–Qtajtha mill-bronki ta' xmara 'nfettata
Qtajtha minn faxx skur tad-duħħan
qabel ma nqerdu l-friefet
Qtajtha mill-kantina tal-belt tal-konkos
Qtajtha minn splengun tax-xewk
Qtajtha f'tebqa t'għajn
Qtajtha f'tebqa t'għajn
Mill-aħħar nifs ta' nannakola–
L-aħħar fjura bejn lelà u bejn il-vjola
L-aħħar warda: l-ardabjola.